MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 289/2004

**Auto Sales Ltd**
**Vs**
**Mark Curmi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta Auto Sales Ltd u ppremmettiet:

Illi b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Gunju 1991, li giet rez ezekwibbli b'sentenza tat-30 ta' Settembru 1998, l-intimat gie ikkundannat ihallas lill-esponent s-somma ta' LM 3,776.40 bl-imghaxijiet u spejjez kontra l-istess konvenutp;

Illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Qorti jogghobha tirrendi s-sentenza titolu ezekuttiv sabiex l-esponent jkun jista jezekwixxi s-sentenzi fuq indikati;

Bl-ispejjez.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat ta' tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------